MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2009

Numru. 585/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**MOHAMED AHMED MALIK ta' 27 sena, iben Malik u Miriam Massar, imwieled nhar is-17 ta' Gunju, 1982, Chad, u joqghod fic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal-Safi;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi **MOHAMED AHMED MALIK** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta' Lulju, 2007, ghall-habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu, gewwa San Giljan:

1. Dolozament bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li joqtol lil Ahmed Mohammed Berema, jew li jqieghdlu hajtu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli permezz ta' strument li jaqta', bil-ponta u jnigges, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Ahmed Mohammed Berema;

3. U aktar talli zamm, garr jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta', inigges, u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli qabad armi kontra Ahmed Mohammed Berema;

5. U aktar talli kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

6. U kif ukoll talli nhar is-17 ta' Mejju, 2006 harab minn post ta' kustodja pubblika, u cioe' minn Safi Barracks fi hdan il-Forzi Armati ta' Malta.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija u cioe':
L-Artikoli 41(1)(a), 216, 217, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 6 u 51 tal-Kapitolu 580 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li moqrija dawn l-Artikoli l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji;

Rat l-istqarrija rilaxxata mill-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti biex tasal biex tara jekk gewx ippruvati l-akkuzi kif dedotti ser taghmel succint tax-xhieda migjuba.

Dr Conrad Borg xehed illi Ahmed Mohammed Berema sofra l-griehi segwenti – qasma taht il-kaxxa ta’ sidru fuq ix-xellu ta’ 12-il centimetru, qamsa fil-parti ta’ quddiem tal-kaxxa ta’ zewg centimetri, u qamsa fuq il-parti ta’ isfel ta’ dahru(folio 24). Qal illi malli ra dawn saru b’cutting instrument u kklassifikati bhala gravi, vide DOK CB(folio 27).

Xehed Ahmed Mohammed Berema nnifsu (folio 28 – 41). Qal illi hu tela’ lejn San Giljan u hemm iltaqa’ ma’ l-akkuzat li talbu s-somma ta’ 25 centezmu biex ikun jista’ jmur id-dar. Tah din is-somma. Wara ghax kellu biss 15-il centezmu fuqu, talab lill-istess Mohammed is-somma ta’ Lm1.00. Qallu dan li ma kellux. Ghalhekki talbu s-somma ta’ 25 centezmu lura. Jghid Berema li l-akkuzat ma riedx jaghtieh lura dawn il-hamsa u ghoxrin centezmu u minflok beda joffendieh b’ommu. Qallu biex idahhal idejh fil-but – wara li urieh somma ta’ Lm100.00. Il-vittma hekk ghamel – fil-fatt hareg il-flus. Kien dak il-hin li l-akkuzat qabad is-siggu u tah daqqa bih. Jghid illi storda u waqghulu l-flus minn idu. Jghid hawn li Libjan iehor wara li firidhom anke offra lill-akkuzat is-somma ta’ 25 centezmu biex itaffu l-problema. Qal illi l-vittma wiegbu li minghandu ma ridhomx. Jghid illi hawn waqaf l-argument.

Jghid illi regghu ltaqghu wara jumejn, hawn li l-akkuzat mar ikellmu u x-xhud ghajru pufta u mhux ragel. Hawn l-akkuzat beda jghajru tali meta hu x-xhud, dahhal idejh fil-but, dahhal idejh fil-but tieghu, kien waqqaghlu Lm1.50 u bicciet tal-haxixa – ghalhekk beda jghidlu li kellu jaghtieh is-somma ta’ Lm3.00, kif ukoll illi jekk ma jaghtiehx dawn il-flus kien ser jaqbad jaghtieh. Ix-xhud telaq ma’ shabu. Darba li rritorna lura, rega’ sab lill-akkuzat hemmhekk. Hawn l-akkuzat offrielu li jinsew l-argument u li jinzlu hdejn il-bahar flimkien. Jghid li fdah u li ma kienx jaf li kellu mus. Ghalhekk mexa quddiem. Kien hawn illi l-akkuzat tah daqqa ta’ sieq f’siequ x-xellugija. Umbaghad tah daqqa

ohra go zaqqu. Jghid illi pprova jqum, hawn ix-xhud ipprova jsuq u tah daqqa minn wara hafifa. Jghid li ralu sikkina f'idejh u sejjer ghalih – beza' minnu. Qal illi kien hawn li qabad gebla u tah biha.

Skond ix-xhud l-ewwel darba li qala' kienet go zaqqu, b'dan li qala' t-tieni daqqa mmedjatament wara. It-tieni daqqa qalaghha go zaqqu. Jghid ix-xhud hekk *'taghni t-tielet daqqa imma kont ghaggilt biex nahrab imma kien tahieli xorta. Grejt naqra ftit u mbaghad grej. Sibt il-gebel hemmhekk u qbadt gebla u rajtu xorta gej fuqi u l-mus f'idejh u ddefendejt lili nnifsi ghax hu u gej, kien gej bis-sikkina, beda jghidli 'Jiena ha noqtlok.', jiena bzajt u hadt dik il-gebla f'idi u ddefendejt lili nnifsi biha.'* (folio 36).

Jiddeskrivi l-mus bhala wiehed li kien jinfetah u jinghalaq.

Jiddeskrivi li d-daqqa li sofra f'siequ kienet wahda kbira, anke li storda. Ma kienx jaf jirrispondi fejn laqghat lill-akkuzat meta tah daqqa bil-gebla, ghax kien diga' stordut.

Dr Mario Scerri, nominat fl-Inkjesta Magisterjali, ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu DOK MS, folio 74, illi l-feriti sofferti minn Malik, l-akkuzat, kienu kompatibbli ma' *blunt trauma*. Malik sofra griehi fuq is-*supra-orbital ridge* tax-xellug, abrazjoni fuq wiccu u abrazjoni fuq l-id il-leminija. Ikklassifika l-gerha li sofra fil-wicc bhala wahda li tibqa' permanenti u vizibbli fuq il-wicc. (folio 88). Minn naha l-ohra Berema kellu lezjoni fis-*sub-costal region* tax-xellug – din kienet ikkagunata bi strument bil-ponta u li jaqta'. Din il-gerha kienet deskritta bhala wahda hafifa stante li ma ppenetratx l-*abdominal cavity*. Minn naha l-ohra l-lezjoni li sofra Berema fuq l-aspett anterjuri tar-rigel tax-xellug, din ukoll kienet maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta – din kienet tinvolvi l-*femoral artery* u ghalhekk kienet lezjoni ta' natura gravi. (folio 88).

Xhud iehor Ali Azrak Dardama qal li kien ra lill-habib tieghu Ahmed hdejn il-Burger King mimli kollu daqqiet. Xehed illi kien assista ghall-glieda li kienet inqalghet bejn Mohammed Ahmed Malik l-akkuzat u dna Adam. Ra lin-

nies jifirdu liul dawn fil-glieda, konsegwentement aktar tard kif gie suriferit kien rah kollu demm.

Gie stabbilit ukoll mix-xhieda ta’ WPC 244 Degabrieli li l-akkuzat ma kellu ebda licenzji jew permessi biex izomm arma (anke bil-ponta) fuqu. Mix-xhieda ta’ l-Ispettur Cilia jirrizulta li x-xhud Dardano ndika lill-pulizija li Berema kellu xi jghid ma’ Mohammed Ahmed Malik, tant illi dan ix-xhud mitlub mill-Ispettur akkompanja lill-pulizija ghall-post fejn kien joqghod Malik l-akkuzat. Sgassaw il-karma tal-banju li kien fiha l-akkuzat, wara li dan ma fetahx. Skond l-Ispettur kellu demm fuqu, feriti ma’ wiccu.

Adam Ibrahim - persuna li kienet fi zmien l-incident tikkoabita ma’ l-akkuzat, ikkonferma li kienu marru ghandhom il-pulizija. L-akkuzat kien fix-*shower*. Ikkonferma li l-pulizija kissru l-bieb. Ikkonferma dan Adam li l-akkuzat kellu d-demm ma’ wiccu.

L-akkuzat ghazel li jirrilaxxa stqarrija kif ukoll taht bil-gurament quddiem din il-Qorti.

Fl-istqarrija qal li hu kien mahrub mic-Centru ta’ Hal-Far u dan ghal madwar hames xhur. Ammetta li kien juza isem iehor, cioe’ dak ta’ Ishak Ismail. Ammetta li kien iltaqa’ ma’ certu Ahmed ghax ried minghandu l-hamsa u ghoxrin centezmu li kien selfu l-gimgha ta’ qabel din biex ihallaslu tal-linja mill-Marsa.

Qal li darba li talbu l-hamsa u ghoxrin centezmu, l-akkuzat wiegbu li dak il-hin ma kellux flus. Hawn dan Ahmed beda joffendieh tant illi habib iehor taghhom, certu Zakkarija offrielu hamsin centezmu biex jixtri birra. Dan Ahmed ma accettax. Insista li ried il-hamsa u ghoxrin centezmu minghand l-akkuzat. Jghid illi hawn Ahmed dahhal idejh gol-but tieghu biex johodlu l-flus. Zammlu idu biex ma johodlux il-*mobile*. Hawn taw daqqtejn lil xulxin. Regghu ferrquhom.

Jghid illi l-ghada hu u Ahmed tkellmu fis-sens li Ahmed stiednu li jmorru lejn il-bahar. Kien hawn waqt li kienu mexjin li tah daqqa fuq ghajnu x-xellugija b’xi haga, jghid li

beda jinzillu d-demm u li ma setax jara. Tah daqqa ohra fuq rasu fuq ix-xellug. Kien ser jahrab. Hawn l-akkuzat hareg siequ u tah gambetta. L-ewwel jghid illi kellu flixkun vodka f'idu, kissru, ta daqqa fil-genb go zaqq Ahmed. Fil-paragrafu ta' wara jghid illi Ahmed kellu flixkun f'idejh u kien ser jaghtieh bih. L-akkuzat laqa' b'idejh, konsegwentement gie hemm ferut. Issa jghid illi Ahmed waqqaghlu l-flixkun minn idu u ghalhekk tah daqqa ohra go siequ bil-flixkun imkisser. Jghid li kien Ahmed li tah l-ewwel daqqa f'ghajnejh, pero ma jafx biex. It-tieni daqqa laqtu f'idu. Jghid li dak il-hin il-flixkun imkiser ma' idu u waqa' minn idejn Ahmed. Kien dak il-hin li l-akkuzat tah daqqa ta' flixkun go siequ. Jghid ukoll illi meta qam biex jahrab tah daqqa go dahru. Innega li fera lil Adam b'sikkina. Jghid li mar l-Isptar biex jiddewwa, pero ddejjaq jistenna. Ghalhekk mar il-flat, fejn waqt li kien qieghed jitnaddab fil-kamra tal-banju mid-demm, il-pulizija faqghu l-bieb tat-*toilet*.

Jghid li meta ta d-daqqiet lil Adam huwa haseb li ghajnu harget 'il barra, li ma kellux hsieb li joqtlu imma ried ipattihielu.

Viva voce l-akkuzat rega' rrepeta l-incident dwar is-self ta' flus u l-fatti li Ahmed baqa' jitolbu u jippretendi minghandu l-flus li kien selfu. Anke hawn jitkellem fuq il-litigju li nqala' bejniethom.

Rega' rrakkonta kif granet wara ltaqghu.

Anke rrakkonta li x'hin Ahmed ipprova johodlu l-flus mill-but u waqqaghlu l-*mobile*, x'hin nizel biex jigbru Ahmed tah daqqa b'siggu.

Regghu ltaqghu granet wara – hawn tkellmu fuq l-incident tal-but u li Ahmed kien tilef lill-akkuzat is-somma ta' Lm1.45. Hawn jidher li Ahmed kien bi hsiebu jroddlu lura dawn il-flus. Ahmed telaq minn hdejn l-akkuzat, meta rega' lura kien fi stat ta' sakra. L-akkuzat jghid li anke hu kin exurban. Hawn Ahmed talbu li jinzel mieghu hdejn il-bahar biex isolvu l-problemi taghhom hemm. Jghid li meta kienu hekk nezlin, Ahmed kellu flixkun f'idu, kien miexi

quddiemu, dar ghalih, tah daqqa ta’ flixkun fuq il-genb ta’ rasu, l-akkuzat ipprova jilqa’ d-daqqa u laqtu f’idejh. L-akkuzat jghid li hawn Ahmed telaq jigri, kien hawn li mar warajh u qabdu, pprova jsib xi haga u minn barmil taz-zibel sab flixkun u ta lil Ahmed bih. Ammetta fil-fatt li lil Ahmed tah daqqiet bil-flixkun. Ammetta li tah fil-flixkun fil-genb, fuq zaqqu, fuq in-naha tal-lemin u ohra fuq wara. Qal li ma jiftakarx li laqtu x’imkien iehor, ma kienx jiftakar ghax anke hu kien xurban, u anke stordut bid-daqqa li kien qala’ go rasu minghand Ahmed.

Ammetta li l-ewwel daqqa tajhielu meta kien bil-wieqfa, dik ta’ go zaqqu meta kienu t-tnejn ma’ l-art.

Ghalkemm ma ftakarx li lil Ahmed tah it-tielet daqqa, qal hekk:
*‘Li nista’ nghidlek li hu ma kienx miggieled dak il-hin, imma li naf li tajtu daqqtejn u jekk inthom sibtulu xi daqqa ohra friska mela minghandi zgur ghax hu ma kienx iggieled ma’ xi hadd qabli.’*
Seduta ta’ nhar it-8 ta’ Lulju, 2009.

Rega’ qal kif qal fl-istqarrija meta kien mistoqsi ghala rritalja ghad-daqqa:
*‘….jiena l-ewwel meta kont xurban u t-tieni nett hu kien taghni d-daqqiet u ghalhekk tajthielu lura u jiena dka il-hin, meta kine taghni d-daqqa f’ghajnejja jiena hsibt li ghajnejja harigitli ‘l barra. Ghax dak il-hin hekk rajtha ghajnejja li nqalghet minn postha.’* (*ibid*)

Ikkunsidrat:

Illi certament f’dan l-incident wegghu kemm l-akkuzat kif ukoll il-vittma – ta’ l-ahhar sofra griehi serji go siequ menti l-akkuzat go wiccu.

Illi pero din il-Qorti hija konfrontata b’zewg verzjonijiet opposti ta’ kif gara dan l-incident.

Pacifiku bejn il-partijiet li huma t-tnejn taw lil xulxin.

Fil-fatt skond ir-relazzjoni ta’ Dr Mario Scerri, il-griehi ta’ Malik kienu rizultat ta’ *blunt trauma*, fil-fatt Malik jghid li Adam Berema tah daqqa ta’ gebla. Minn naha l-ohra Berema sofra griehi li saru bi strument bil-ponta u li jaqta’, Berema fil-fatt jitkellem fuq mus mentri Malik jghid illi fera lil Berema bi flixkun imkisser.

Frankament ghandu jinghad illi ftit taghmel differenza ghall-Qorti jekk Malik feriex lil Berema b’mus jew flixkun – minn imkien ma jirrizulta li hu kien qieghed igorr mieghu mus biex bih iferi lil Berema. Pero d-daqqiet li sofra Berema huma kompatibbli ma’ daqqiet maghmula minn flixkun imkisser.

Mhux car mill-provi prodotti min beda l-incident bejn l-imputat u Berema li wassal ghal dawn il-griehi. L-akkuzat fl-istqarrija tieghu kif ukoll viva voce ndika li hu ta lil Berema ghax ried ipattihielu. Il-Qorti fil-fatt ser taghti l-beneficcju tad-dubju lill-akkuzat fis-sens illi ser temmen il-verzjoni tieghu li hu qala’ l-ewwel daqqiet minghand Malik. Certament daqqa fuq ghajnejh kagun ta’ *blunt trauma* hija rizultanti.

Illi meta x-xenarju li pinga l-akkuzat tenut kont ta’ l-incidenti precedenti li nqalghu bejnu u bejn Berema u li kien Berema li attakkah ghal darba, tnejn – l-ewwel bis-siggu u granet wara b’gebla. L-akkuzat stordut kif kien mid-daqqa tal-gebla (tant illi haseb li nqalaghtlu ghajnejh) irritalja billi tah bi flixkun imkisser. (*per parentesi* minn fejn ingab dan il-flixkun xejn ma huwa car - fl-istqarrija jghid illi waqa’ minn idejh Berema, viva voce jghid li gabru miz-zibel).

Illi jekk wiehed allura jemmen il-verzjoni ta’ l-akkuzat jista’ ghalhekk jinghad illi hu sofra certu ammont ta’ provokazzjoni mid-daqqiet li sofra minghand Berema – certament kellu dritt jiddefendi ruhu mill-istess. Pero hija l-fehma ta’ din il-Qorti li gia la darba *ex-admissis* hu gera wara Berema u fi kliemu stess ried ipattihielu, u ecceda tali *legittima difesa*.

Ghaldaqstant qieghda ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti taht l-Artikoli 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tilliberah mill-effetti ta' l-Artikolu 218 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghax l-akkuzat ghalkemm ammetta li kien hu li ta d-daqqiet kollha lill-akkuzat, id-daqqa ta' sieq ma mmanifestatx ruhha bl-effetti prospettati taht l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, lanqas ma gie ppruvat it-tentattiv ta' l-istess. Tilliberah ukoll mir-reati taht l-Artikoli 6 u 51 tal-Kapitolu 580 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma gewx ippruvati.

Dwar il-piena, hadet in konsiderazzjoni t-trattazzjonijiet tal-partijiet, ikkunsidrat li l-akkuzat ecceda l-*legittima difesa* permessa lilu, konsiderando c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' ghaxar(10) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------